DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ...............................

**ADDIJO ĊESRI**

*Xena 15, p.77 (M)*

*Notamenti*

# CALLUS

## KONT JIEN IVA!

Kont jien, iva! Jien! Għalhekk! Minħabba dik it-tieqa f'dik ir-rokna...

/ ...Imma mhux biss! ...U minħabba fik kollok kemm int! Kont nobgħodok iva, la tridni ngħidlek! Għalhekk! Nobgħodok – jien aktar mill-oħrajn!

Iva! Kont narak hemm malli nidħol, kuljum, insibek hemm quddiem wiċċi, f'dik ir-rokna, kuljum taħt it-tieqa, magħluq f'dinja għalik. Dejjem titbissem – u taħdem. Taħdem – taħdem – taħdem u titbissem! U lilna tinjorana għalkollox! Ma stajna naqbdu miegħek b'xejn!

Kont tibqa' hemm, minkejja kollox, tibqa' hemm, ixxengel rasek, qisna aħna konna xi tfal żgħar li trid tikkumpatihom. Għalhekk. U kont titbissem u tkompli xogħlok. U dik it-tbissima – b'dik l-indifferenza – kienet tkessaħli demmi! Kienet tindannani! Kont noboghdok iva! Nobogħdok. *(109)*

Kont nipprova ma naghtix kas - nagħmel bħalek. Imma għalxejn. Malli nidħol minn dak il-bieb, insibek hemm ma' wiċċi, diġà f'postok, taħdem... Tgħolli rasek, isellimli bi tbissima - l-istess tbissima li tagħti lill-messaġġier! – l-istess tislima!... U terġa' tgħaddas rasek fuq ix-xogħol. Kuljum l-istess. Imma fl-aħħar ma stajtx iżjed. Ridt neħles minnek. Kemm iddum tissaporti! Imbagħad... imbagħad ġara li ġara...

/ M'hemmx xi tkompli... Darba waħda - darba waħda, kien meta

bdew jaħsbu biex idaħħlu l-kompjuters – tiftakar? – u kienu bdew iċalqalqu n-nies – tiftakar? Imbagħad - imbagħad inzertaw semmew li kien tbattal dal-impieg hawn u ssuġġerejtilhom lilek. Kont naf hekk jew hekk li ma kontx wieħed tal-kompjuters int... Għalhekk. Imma qabel biss ilħaqt għedt kelma, bilkemm ftaħt ħalqi, ħatfuni... Dak li ġara. *(232)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.77